MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 165/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Vella**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Vella talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bejn ix-xhur ta' Awwissu 2010 u Jannar 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Rita Vella u/jew ghal uliedu dik is-somma ffisata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall- ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-14 ta’ Marzu 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imsemmi Michael Vella hati u kkundannatu xahrejn prigunerija sospizi ghal sentejn, ai termini ta’ l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ordnat li jhallas is-somma ta’ elf, tliet mija u sebgha u disghin euro (€1,397) fi zmien tliet (3) xhur ai termini ta’ l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Michael Vella pprezentat fl-24 ta’ Marzu 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt illi tikkonfermaha fejn l-istess appellant gie misjub hati skont l-ammissjoni tieghu, tirrevokaha in kwantu huwa gie kkundannat ghal tliet xhur prigunerija biex ihallas is-somma ta’ €1,397 fi zmien tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza, billi minflok tinfliggi piena ohra li ma tkunx daqstant gravuza ghall-appellant;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta’ l-appellant huwa dwar il-piena peress illi (1) in-nuqqas tieghu kien riferibbli biss ghall-manteniment tal-kwerelanti (u mhux ukoll tat-tifla), u dan ghax-xhur bejn Awwissu 2010 u Jannar 2011, u kien f’dan is-sens li saret ammissjoni; (2) il-kwerelanti ghal certu perijodu mhux traskurabbli kellha impjieg regolari u introjtu daqstan mhux traskurabbli, izda ddecidiet li tieqaf minn tali impjieg hekk kif irrizultalha li zewgha kellu l-provi ta’ dak l-impjieg. Ir-reazzjoni u n-nuqqas ta’ l-appellant kienu kienu indirizzati unikament lejn dan il-komportament ta’ martu.

**6.** Fis-seduta tallum sar pagament lill-*parte civile* Rita Vella permezz ta’ cekk ghall-ammont kollu ta’ €1,397. Inoltre l-appellant pprezenta permezz ta’ nota *cheque images* tal-pagamenti kollha li ghamel minn Jannar 2011.

Il-*parte civile* kkonfermat illi l-appellant fil-fatt baqa' regolari fil-pagamenti tal-manteniment.

**7.** Issa, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

**"l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament".**

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

**8.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant xahrejn prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u in kwantu ordnat li jhallas is-somma ta' elf, tliet mija u sebgha u disghin euro (€1,397) fi zmien tliet (3) xhur ai termini ta' l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni (*conditional discharge)* li ma jaghmilx reat iehor ghal perijodu ta' sena millum. Din il-Qorti fissret lill-hati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------